

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2008/2151(INI)**

15.10.2008

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 8/2007 rigward il-koperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT (2008/2151(INI))

Rapporteur għal opinjoni(\*):Bilyana Ilieva Raeva

(\*):Proċedura b' kumitati assoċjati - Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Hu mħasseb dwar in-nuqqasijiet identifikati mill-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tal-koperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-VAT;
2. Jirrikonoxxi li l-koperazzjoni amministrattiva fil-livell tal-UE hi għodda essenzjali sabiex jiġi miġġieled il-frodi tat-taxxa; iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jisfruttaw bis-sħiħ il-possibilità li joħolqu koperazzjoni amministrattiva effettiva bejn l-uffiċċji lokali tat-taxxa, anke permezz tal-użu tal-komunikazzjoni elettronika;
3. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni li, fil-programmi ta' riforma nazzjonali tagħhom skiont l-Istrateġija ta' Lisbona, l-Istati Membri jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' dejta lejn Stati Membri oħra; iqis li hu importanti, fejn il-forniment tad-dejta minn Stat Membru għal ieħor ikun suġġett għal dewmien sistematiku, li jinbdew proċeduri ta' ksur mill-Kummissjoni kontra l-Istat Membru li jdum biex jipprovdi d-dejta;
4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiffaċilita skambju ulterjuri tal-aħjar prattiki u koordinazzjoni bejn l-Istati Membri dwar l-arranġamenti organizzattivi għall-koperazzjoni amministrattiva;
5. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposti tal-Kummissjoni biex jiġu emendati d-Direttiva dwar il-VAT<sup>1</sup> u r-Regolament dwar il-Koperazzjoni Amministrattiva fil-qasam tal-VAT<sup>2</sup> sabiex mill-2010 'l quddiem jitħaffu l-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni dwar tranżazzjonijiet intrakomunitarji, u jħeġġeġ lill-Kunsill biex jadotta malajr il-miżuri proposti;
6. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta proposti ulterjuri bl-għan li jsaħħu l-ħila tal-Istati Membri li jiġbru l-VAT mhux imħallsa billi n-negożjanti jkollhom obligazzjoni in solidum għat-telf ta' taxxi f'każijiet fejn in-nuqqas ta' konformità mal-obbligi tar-rappurtar ikun iffaċilita l-frodi;
7. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tagħmel proposti ulterjuri dwar l-aċċess awtomatizzat mill-Istati Membri l-oħra kollha għal ċerta dejta mhux sensitiva miżmuma mill-Istati Membri dwar il-persuni taxxabbli tagħhom u dwar l-armonizzazzjoni tal-proċeduri għar-reġistrazzjoni u għat-tneħħija tar-reġistrazzjoni ta' persuni responsabbli għall-VAT, sabiex jiżguraw li persuni taxxabbli foloz jinqabdu malajr u titneħħilhom ir-reġistrazzjoni;
8. Jilqa' b'sodisfazzjon l-approvazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2008 dwar linji gwida li jipprovdu li Eurofisc ikun netwerk diċentralizzat għall-iskambju tal-informazzjoni dwar frodi ta' VAT bejn l-Istati Membri, u jistieden lill-Istati Membri, f'dan il-qafas, biex

<sup>1</sup> Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006).

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003 tas-7 ta' Ottubru 2003 dwar il-koperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 264, 15.10.2003, p.1).

jżviluppaw, flimkien mal-Kummissjoni, kapaċità komuni għall-analiżi tar-riskju; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta proposti konkreti sabiex temenda r-Regolament dwar il-koperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud bl-għan li timplimenta l-proġett Eurofisc.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	13.10.2008
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 25 -: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mariela Velichkova Baeva, Paolo Bartolozzi, Zsolt László Becsey, Pervenche Berès, Sebastian Valentin Bodu, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Manuel António dos Santos, Elisa Ferreira, José Manuel García-Margallo y Marfil, Robert Goebbels, Sophia in 't Veld, Wolf Klinz, Christoph Konrad, Guntars Krasts, Astrid Lulling, John Purvis, Eoin Ryan, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Margarita Starkevičiūtė, Cornelis Visser
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Harald Ettl, Thomas Mann
<b>Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jan Cremers